# Pranzu mogħti mill-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" b'ġieh Dun Karm Psaila, D.Litt., u l-Kav. Dr. Guże Galea, M.B.E.,M.D.,D.P.H.

IL-ĦADD, id-9 ta' Diċembru li għadda, numru sabiħ ta' membri tal-"Għaqda", iltaqgħu fir-"Royal Hotel", H'Attard, u taw pranzu lil Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali Malti, u lill-Kavalier Dr. Ġużè Galea, il-President tal-"Għaqda"; lill ewwel wieħed li għalaq il-għomor sabiħ ta' tmenin sena u lit-tieni wieħed li laħaq Tabib Prinċipali tal-Gvern. Din mhix l-ewwel okkażjoni li l-"Għaqda" kellha l-opportunità li tifraħ b'dawn iż-żewġ persunaġġi magħrufa għall-ħidma kbira tagħhom b'riżq il-Malti u b'riżq l-istess "Għaqda".



**Grupp ta' Membri tal-"Għaqda" li ħadu sehem fil-pranzu.**

Għaxar snin ilu l-"Għaqda" kellha wkoll il-pjaċir li tagħti pranzu ta' ġieh lil Dun Karm, f'egħluq is-sebgħin sena ta' għomru, kif ukoll lill-President, meta fil-wasla tiegħu lura mill-Ingilterra. huwa kien laħaq Lettur tal-Mediċina Legali fl-Università Rjali ta' Malta, kif ukoll kienet offrietlu "Sherry Party" meta l-mejjet Re Ġorġ VI kien żejnu bid-dekorazzjoni tal-M.B.E., għall-merti tiegħu ta' servizzi Imperjali u Nazzjonali fi żmien il-gwerra.

Il-"Għaqda" qatt ma naqset li tifraħ b'dawk il-membri tagħha meta dawn ikunu ssemmew għal xi merti letterarji fil-Malti jew għal xi merti oħra akkademiċi jew għal xi merti li għalihom ikunu laħqu f'xi grad għoli tas-soċjetà, ħaġa li fl-istess ħin tirrifletti ta' ġieħ ukoll għall-"Għaqda".

F'din l-okkażjoni, bħal f'oħrajn ta' qabel, waqt il-pranzu kien hemm dak il-ferħ u dik il-hena ta' mseħbin li jiltaqgħu bħal aħwa fuq mejda waħda — dik il-mejda li tiġborhom f'għaqda ta' ħsieb wieħed u li żżommhom marbutin flimkien għal dejjem fil-ġieħ li jingħata lil dawk li fosthom ikunu ħadmu għall-Malti biex dan iservi bħala ħuġġieġa fil-ħsieb u fil-qalb ta' dawk l-oħra li għadhom telgħin bħal xtieli biex mil-lum għal għada jsiru u jikbru wkoll bħala siġar kbar fil-qasam tal-koltivazzjoni tal-Lsien Malti.

Qabel ma qagħdu fuq il-mejda, il-mistednin, bl-imseħbin li kien hemm dak il-ħin, ħadu r-ritratt miġbud mill-fotografu tat-"Times of Malta", u li tiegħu tidher stampa f'din ir-rivista.

Fost il-mistednin kien hemm ukoll is-Sinjura G. Galea, is-Sinjura G. Muscat Azzopardi, is-Sur Ugo Muscat Azzopardi u s-Sinjura tiegħu.

Qabel għeluq il-pranzu tqassmu xi konfetturi ta' ħelu mibgħutin bħala rigal mis-Sinjorina Mary Meylak, il-magħrufa poetessa Għawdxija. Ukoll f'din l-okkażjoni billi ma setgħetx tieħu sehem f'dan il-pranzu ma sħabha tal-"Għaqda", hija għoġobha, bl-aktar ħsieb ħelu u ġenju poetiku turi l-għożża tagħha lejn iż-żewġ persunaġġi prominenti li lilhom il-"Għaqda" deħrilha li għandha tfisser is-sentimenti ta' ferħ u ġieħ f'dik il-ġurnata bħala tifkira għażiża fil-paġni ta' l-istorja tagħha. Din id-darba l-poetessa tagħna żiedet ma' dan ir-rigal, rigal ieħor, strofi ta' poeżija miktubin għall-okkażjoni, li talbet li jinqraw waqt il-pranzu — strofi hekk ħelwin bħalma dlonk joħorġu mill-pinna fantastika ta' Meylak u li nippubblikaw ukoll f'din ir-rivista biex jibqgħu bħala tifkira ma' din il-kronaka.

Is-Sur Nin Cremona, Viċi President tal-"Għaqda", f'isem sħabu, qam jipproponi biex kulħadd jixrob bis-saħħa tar-Re u wara għamel daqsxejn ta' diskors fejn l-ewwelnett fisser kif il-"Għaqda", f'dik il-laqgħa ta' aħwa fuq mejda waħda, xtaqet f'dik l-okkażjoni turi l-qima tagħha lejn tnejn min-nies li huma marbutin magħha b'rabtiet l-aktar għeżież li ma jistgħu jinħallu qatt u dana għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-isvilupp

tal-"Għaqda" stess u tal-letteratura Maltija. Għal din it-tifsira ta' ġieh u għożża l-"Għaqda" għażlet, għal Dun Karm, l-għeluq tal-għomor sabiħ ta' tmenin sena, u għat-Tabib Galea, in-nomina tiegħu bħala Kap ta' l-Uffiċċju Sanitarju ta' Malta.

"Dun Karm", kif qal is-Sur Cremona, "kien minn ta' l-ewwel li nibet poeta Malti, tista' tgħid, mat-twelid tal-'Għaqda', u magħha kiber fil-għomor u fl-isem. Aħna qed nifirħu b'Dun Karm biex nixtiqulu riżq fil-għomor hekk sabiħ tiegħu. Jalla dan il-għomor ikun ukoll il-għomor tal-'Għaqda'. Il-lum l-isem ta' Dun Karm huwa sinonimu ta' l-isem tal-'Għaqda'. Ma tistax issemmi l-isem tal-'Għaqda' mingħajr ma ssemmi l-isem ta' Dun Karm". "Ir-rabta li torbot l-isem tat-Tabib Galea", kompla qal is-Sur Cremona, "ma' l-isem tal-'Għaqda', mhi xejn inqas qawwija, għalkemm mhux ixjeħ minn dik ta' Dun Karm. It-Tabib Galea nibet u kiber ukoll, bħala rumanzier u novellier, mal-'Għaqda'. Il-lum it-Tabib Galea", issokta fl-aħħar tad-diskors tiegħu s-Sur Cremona, "huwa l-Kap tas-Saħħa ta' Malta, iżda daqshekk ieħor jista' b'ċertu mod ukoll, bħal Dun Karm, jitqies bħala l-personifikazzjoni tas-saħħa tal-'Għaqda'."

Wara l-erba' kelmiet tas-Sur Nin Cremona, wieġeb Dun Karm, fejn wara li radd il-ħajr tiegħu lill-"Għaqda" għall-għożża li fissrulu u l-ġieh li tawh il-membri sħabu tagħha, staqsa wara kollox bi tbissima fuq fommu x'mertu sata' jkollu għal dan il-ferħ kollu, għaliex għalaq il-għomor ta' tmenin sena! Dan il-ferħ u dan il-ġieh sħabu tal-"Għaqda" kienu wkoll fissruhulu għaxar snin ilu meta kien għalaq is-sebgħin. "Kull darba nħoss li ngħid", qal huwa: "Dan x'inhu? — Dan kollu għax wieħed jixjieħ u jnaqqas mill-għomor?" — Iżda hu ħass wara kollox it-tifsira ta' dik il-għożża, ta' dak il-ġieh u ta' dak il-ferħ għażżmien twil li s'issa għax u li għad forsi jgħix fostna. Għalhekk huwa spiċċa biex għalaq il-kelmtejn tiegħu b'daqsxejn ta' poeżija li huwa qara fejn fisser b'Ċajta l-iktar filosofika t-Tweġiq tax-Xewqat tal-"Għaqda": għomor twil li s-Sema għoġbu jagħtih u li għad jagħtih 'il quddiem.

*Iċ-Ċajta tat-Tmenin Sena*, li intom taqraw ukoll hawnhekk f'din il-ħarġa ta' "Il-Malti", huma l-versi li qara Dun Karm f'din l-okkażjoni.

Fl-aħħarnett għalaq it-Tabib Galea b'erba' kelmiet sbieħ, fejn bi tweġiba għad-diskors tas-Sur Cremona, fisser l-għożża tiegħu għall-ġieh li l-"Għaqda" għoġobha tagħtih flimkien ma'

egħluq il-għomor tat-tmenin sena tal-Poeta Nazzjonali tagħna, Dun Karm, Predeċessur tiegħu bħala President tal-"Għaqda", stqarr li dak il-ġieħ huwa jgħożżu wisq aktar minn kull ferħ ieħor li wasallu, għax ġej min-nies ta' xirka li magħha huwa jħossu marbut b'rabtiet ta' sentimenti u kitba nazzjonali— ma' xirka li huwa, għalkemm issa bil-kariga għolja li laħaq fiha, iħossu mgħobbi b'responsabbiltajiet akbar, huwa beħsiebu jagħmel ħiltu kollha li jibqa' marbut magħha. Dik il-laqgħa, kif issokta jfisser, kienet għalih għażiża għax mal-ferħ ta' sħabu tal-"Għaqda", huwa ħass il-ferħ ta' għaqda għalenija, bħal dik ta' aħwa taħt saqaf wieħed, u jittama li laqgħat bħal dawn jibqgħu jsiru bejn l-imseħbin tal-'Għaqda' biex iżommuna iktar marbutin ma' xulxin bla ma jkun hemm il-bżonn li tinqala' ebda okkażjoni bħal din li fiha l-"Għaqda" għoġobha tagħtih dak il-ġieħ kollu.